# KUNSILL LOKALI IL-QRENDI

**7, Triq il-Knisja, Il-Qrendi**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

## ID-DISA' LEĠISLATURA

### LAQGĦA NUMRU 26

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'numru 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar il-Erbgħa, 17 ta' Ġunju, 2026, fit-3.30pm.

**PREŻENTI:**

David Michael Schembri – Sindku

Anthea Sacco – Viċi Sindku

Karmenu Farrugia – Kunsillier

Marion Parnis – Kunsillier

Nina Skye Briffa – Kunsillier

**ASSENTI SKUŻAT:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Rachel Aquilina – Segretarju Eżekuttiv

**26.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

26.01.01 Il-membri kollha kien preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**26.02 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta numru ħamsa u għoxrin (25)**

26.02.01 Il-minuti tas-seduta numru 25, li kienu mibgħuta mal-Aġenda, ġew meqjusa bħala moqrija u proposti bħala korretti minn Nina Skye Briffa, issekondati minn Anthea Sacco.

Il-minuti tal-laqgħa 25 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**26.03 Proposta għal Żona Pedonali**

26.03.01 Nina Skye Briffa qalet li kinet qed tiċċekkja rigward il-proċedura biex din issir u proponiet il-Pjazza tal-Ħniena. Hi semmiet ukoll lokalitajiet fejn qed jingħalqu żoni għal xi ħinijiet partiklolari. Is-Sindku issuġġerixxa biex jitressqu l-proposti fil-laqgħa li jmiss u Nina Skye Briffa talbet biex din il-punt ikun fuq l-Agenda li jmiss.

Nina Skye Briffa staqsiet jekk dawn il-proposti setgħux jitressqu lill-kunsill b'imejl biex ma nistennewx sa laqgħa oħra. Is-Sindku wieġeb li konna rċivejna struzzjonijiet mingħand id-DG li deċiżżjonijiet iridu jiġu diskussa u meħuda wiċċ imb'wiċċ waqt il-laqgħa u li għalhekk dan ma setax isir. Hu żied jgħid li l-ebda deċiżjoni ma tista' tittieħed la minn imejl u lanqas minn chats u li d-deċiżżjonijiet għandhom jittieħdu biss waqt il-laqgħa tal-Kunsil biex ikunu uffiċċjali u mniżżla fil-minuti.

Marion Parnis sostniet li dan għandu jkun jgħodd għal kull membru tal-Kunsill.

**26.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

26.04.01 Is-Sindku qal li kien talab appuntament mad-Dipartiment tat-Tindif biex jiġi diskuss il-landament tat-tindif tal-ġimgħa tal-festa ta' Lourdes. Hu qal li ġie nfurmat b'imejl li ma kienux qed isiru laqgħat u li għadu ma nħatar ħadd responsabbli fuq il-kunsilli minn wara l-elezzjoni. Anthea Sacco kompliet iżżid li lanqas il-ħasil f'Tal-Maqluba u tal-pjazez li kien imwiegħed li ser isir qabel il-festa ma kien sar.

Karmenu Farrugia issuġġerixxa li, minħabba l-importantza tat-tindif fil-ġimgħa tal-festa u biex ma jiġriex bħas-snin li għaddew, huwa important li

jekk ma nsibux soluzzjoni mad-Dipatiment tat-Tindif għandna nqabbdu kuntrattur privat biex jagħmel dan ix-xogħol.

Is-Sindku qal li kien ser imur personali d-Dipartiment tat-Tindif biex jitlob laqgħa mas-Sur Desira u li f'każ li ma ninqdewx, inqabdu kuntrattur privat biex inaddaf fil-festa.

Karmenu Farrugia talab ukoll biex fil-ġimgħa tal-festa ma jinħarġux permessi għal xogħol ta' kostruzzjoni fid-dawra minn fejn ser tgħaddi l-purċissjoni. Il-Kunsill qabel.

26.04.02 Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' Project Green u ma' Din l-Art Ħelwa rigward il-Ġnien tal-Kmand. Hu qal li ġie mifthiem li t-tender għax-xogħlijiet ta' restawr, li l-istima kienet tlaħħaq madwar 300,000 ewro, ser jiġi ppublikat mill-Kunsill. Hu qal ukoll li saret talba li fil-bord tal-evalwazzjoni jitpoġġa rappreżentant ta' Din l-Art Ħelwa peress li dawn kienu ser jisponsorjaw parti minn din is-somma, rappreżentant tal-kunsill, rappreżentant minn Project Green, s-Segretarju Eżekuttiv bħala s-segretarja tal-bord u hu bħala Chairman.

Dwar l-isponsor, is-Sindku qal li kien għadu ma ġiex deċiż jekk is-somma kinietx ser tingħata f'daqqa u nħallsu minnhom jew jekk konniex ħa nitolbu rimborż lilhom għal kull pagament li nagħmlu.

Fir-rigward tal-persuna li kellha tieħu ħsieb il-ftuħ u l-għeluq tal-ġnien kif ukoll il-manutenzjoni tal-ġnien, is-Sindku qal li kellna nirċievu *Memorandum of Understanding*. Marion Parnis staqsiet eżattament x'ser ikun ix-xogħol ta' din il-persuna. Is-Sindku qal li kellna nistennew li nirċievu l-MOU għax għadhom għaddejien id-diskussjonijiet.

Is-Sindku semma' wkoll il-problema li hemm fil-ġibja għax din ma kinietx qed iżomm l-ilma u mimlija bil-ħama. Hu qal li kienu qed isiru diskussjonijiet jekk dan ix-xogħol isirx qabel jew wara li jinħareġ it-tender. Hu semma wkoll li kellu laqgħa mad-Direttorat tar-Restawr u sar ftehiem li kienu ser jibdlu jew jagħmlu x-xogħol ta' restawr fuq it-3 bibien u tieqa li hemm fuq barra tal-Ġnien għas-spejjeż tagħhom.

26.04.03 Tressaq l-Unaudited Financial Statement tas-sena 2025 li ġie mibgħut mill-Awdituri għall-approvazzjoni tal-Kunsill u li kien ġie mibgħut mal-agenda. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv tat deskrizzjoni qasira ta' dan ir-rapport, fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mill-Viċi Sindku, dan ir-rapport ġie approvat mill-Kunsill.

**26.05 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

26.05.01 Anthea Sacco staqsiet jekk kellniex risposta dwar il-bus terminus ta' fejn il-Knisja minħabba l-volum qawwi ta' karozzi tal-linja li qed jitilaw fil-pjazza. Is-Sindku qal li konna rċivejna imejl minn IM fejn qalulna li kellna nitkellmu ma' TM.

Rigward il-proposta li dan it-terminus jiċċaqlaq għal Triq Ġuże Cassar, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet reġgħet applikat għal pjanta biex inkunu nistgħu nikkonfermaw jekk kinietx art pubblika.

26.05.02 Nina Skye Briffa nfurmat lill-Kunsill li kienet intgħażlet għal programm Young Elected Politicians li huwa programm tar-reġjun ewropej. Hi spjegat kif jaħdem dan il-programm li huwa għal sena u li ser ikollha opportunitajiet għal konferenzi barra minn Malta. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera awgurawlha għal din l-opportunita'.

26.05.03 Is-Sindku qal li r-Reġjun kien qed jistieden lil xi membru tal-kunsill jew lis-Segretarju Eżekuttiv biex imur Brussel fejn kien ser ikollu l-flights imħallsa. Is-Sindku qal li jekk ħadd ma kien interessat, hu xtaq li dawn il-flus jintużaw biex jitħallsu l-flights għal stedina li kellu għal-laqgħa ġenerali fit-Turkija. Il-Kunsill qabel.

26.05.04 Nina Briffa Skye qalet li l-Kunsill tat-Tfal ma kienx iltaqa' u li kienet tkellmet magħhom dwar attivitajiet li xtaqu jorganizzaw.

26.05.05 Anthea Sacco talbet li jsir doggie bin fejn is-Salvatur għax qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill qabel.

26.05.06 Anthea Sacco qalet li l-marki taż-żebgħa tal-art li saru fi Triq Santa Katerina ma sarux kif kienu qabel ma nqalgħet it-triq u minħabba karozzi pparkjati quddiem id-drive in, mhux qed tkun tista' toħroġ bil-karozza. Is-Sindku qal li kien ser jiġi fuq il-post biex tinstab soluzzjoni.

26.05.07 Anthea Sacco semmiet il-ħarġa għal ġurnata Għawdex li kienet qed torganizza għat-22 ta' Lulju. Is-Sindku propona li darb'oħra norganizzawha filgħaxija minħabba s-sħana.

26.05.08 Marion Parnis semmiet il-kors tal-Animal First Aid u ssuġġerit li napplikaw biex isir fiċ-Ċentru Pastorali. Ġie deċiż ukoll biex naraw jekk dawn il-korsijiet setgħux isiru wara nofsinhar.

26.05.09 Marion Parnis semmiet il-linji li għandhom isiru mill-ġdid fiż-żona ta' Triq Gregorio Mifsud. Is-Sindku qal li dawn ser isiru minn TM.

26.05.10 Marion Parnis qalet li hemm problema fl-inħawi ta' Triq Gregorio Mifsud għax għad hemm nies li qed jitfaw l-iskart taħt iċ-ċint tal-istess triq. Ġie deċiż li nwaħħlu avviż biex ma jintefax żibel.

26.05.11 Karmenu Farrugia staqsa dwar it-tenders tal-uffiċċju. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dawn qegħdin fl-istadju ta' evalwazzjoni u li jekk ma jkunx hemm bżonn ta' kjarifiki min-naħa tal-bidders, ikun jista' jingħata fix-xahar li ġej.

26.05.12 Karmenu Farrugia talab jekk jistax jitnaddaf Wied iż-Żurrieq għax hemm ħafna trabijiet. Is-Sindku wieġeb li ġew infurmati tad-Dipartiment tat-Tindif biex imorru jnaddfu.

26.05.13 Karmenu Farrugia qal li stenna li fuq l-Agenda jkun hemm punt fuq il-Festival Agrarju tal-Patata għax ħass li, la din ma ġietx imniżżla, is-sehem mogħti ma ġiex rikonoxxut mill-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li setgħet tissemma' f'dan il-punt u ma kienx hemm il-bżonn li tkun imniżżla bħala punt fuq l-Agenda biex tkun tista' tissemma'.

Karmenu Farrugia qal li xtaq jirringrazzja lil Viċi Sindku, Anthea Sacco, lil Marion Parnis, lil kull min kien involut u lil min kien preżenti. Hu qal li xtaq li kien hemm iktar rispons. Kulħadd qabel li kien hemm ħafna ċirkostanzi kontrina u ġie ssuġġeriet li sena oħra jsir filgħaxija. Ġie deċiż ukoll li sena oħra jitqabbad xi ħadd inaddaf wara t-tberik tal-annimali minħabba li kien hemm ħafna żwiemel.

Is-Sindku żied jgħid li d-delagazzjoni ta' Klenjec ħadu gost ukoll waqt din l-attivita' u li kellna nirċievu stedina mingħandhom.

## 26.06 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti u Petty Cash

26.06.01 L-Iskeda tal-Pagamenti (Laqgħa 26) u l-Petty Cash tax-xahar ta' Mejju ġew imressqa għall-approvazzjoni.

Dawn ġew approvati mill-Kunsill u ffirmati minn Anthea Sacco (Proponent), Karmenu Farrugia (Sekondant), mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 26.07 Għeluq tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss

26.07.01 Il-laqgħa ntemmet fil-5.00pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, fil-5.30pm.

David Michael Schembri
Sindku

Rachel Aquilina
Segretarju Eżekuttiv